# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 28 ta' Settembru tas-sena 2001.**

**Numru 46**

**Avviz numru 754/96/SM**

**Dr. Louis Bianchi ghan-nom u in rappresentanza tad-ditta Gasan Enterprises Limited.**

**vs**

**Jonathan Guillaumier**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-19 t'Awissu ta' l-1996 li permezz tieghu l-attur nomine sejjah lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

1. **Ihallas lill-attur nomine is-somma ta' tmien mija u tnejn u hamsin Lira Maltin u tminja u tletin centezmi (LM852.38,0), liema somma hija dovuta ghal xogholijiet ta' tiswija u forniment ta' spareparts fuq il-vettura ta' marka Volvo numru**

**A-4225 propjieta tal-konvenut, liema xogholijiet saru fuq istruzzjonijiet tal-istess konvenut izda baqaw ma thallsux;**

**2. Bl-ispejjez komprizi dawk ta' ittra Ufficjali tat-30 ta' Mejju, 1995 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni, u bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' dan l-istess Avviz;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata s-27 ta' Settembru ta' l-1996 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi x-xogholijiet in kwistjoni ma sarux fuq inkarigu tal-esponent;**

**2. Illi l-esponent ta' istruzzjonijiet lid-ditta attrici sabiex din tesegwixxi dawk ix-xogholijiet necessarji sabiex jigu rimedjati certu hsarat fil-vettura in kwistjoni. Fil-fatt dawk ix-xogholijiet li saru ma servewx sabiex tigi rimedjata l-hsara u ghalhekk l-esponent m'ghandux jigi tenut li jhallas ghal xogholijiet li ma kienux dawk ordnati;**

**3. Salvi eccezzjonijiet ohra;**

**Ezaminat ix-xhieda pprezentata quddiem din il-qorti diversament preseduta;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-konvenut kien ha l-vettura tieghu ghas-"service" ghand is-socjeta' Gasan Enterprises**

**Limited irrapprezentata mill-attur nomine fl-atti ta' din il-procedura;**

2. **Illi wara l-ispezzjoni dovuta teknici ta' l-imsemmija socjeta' infurmawh li t-"turbo" u s-"cylinder head" kellhom jinbidlu;**

3. **Illi l-konvenut irrifjuta dan il-parir izda kontra l-parir ta' l-istess teknici ta struzzjonijiet biex dawn jeffettwaw xi tiswijiet fil-vettura tieghu minghajr ma jbiddlu t-"turbo" u s-"cylinder head";**

4. **Illi dan ix-xoghol gie effettwat minn sub-appaltatur tas-socjeta' fuq indikata minghajr ma taw garanzija fuq ix-xoghol stante li x-xoghol esegwit sar kontra l-pariri teknici ta' l-istess impjegati ta' l-imsemmija socjeta';**

5. **Illi ovvjament l-imperfezzjonijiet osservati mill-konvenut baqghu;**

6. **Illi s-socjeta' fuq indikat baghtet il-kontijiet relattivi lill-konvenut li baqa' inadempjenti u ghalhekk ittiehdet il-procedura odjerna;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi jidher assodat li l-konvenut kien qieghed ukoll jaghmel uzu minn teknici separati minn dawk tas-socjeta' fuq indikata hawn rapprezentata mill-attur nomine;**

**Illi x-xogholijiet effettwati fuq il-vettura tal-konvenut mill-impjegati ta' din is-socjeta' saru fuq ordnijiet specifici tal-konvenut u kontra l-pariri tat-teknici involuti;**

**Illi ghalhekk il-konvenut ghandu jerfa' l-piz tad-decizjonijiet tieghu;**

**Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut Jonathan Guillaumier biex ihallas lill-attur nomine l-ammont ta' tmin mija u tnejn u hamsin Lira Maltin u tmienja u**

**tletin centezmu (LM852.38,0), bl-ispejjez u l-imghaxijiet skond il-ligi.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**